MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1790/1999/1

***Maltacom plc***
***vs***
***Walter Felice Pace***

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu, is-socjeta' attrici wara li pprmettiet: illi skond ir-regolamenti u l-ligijiet vigenti, u l-ftehim ta' kera u servizz ta' telefon bejn il-konvenut Walter Felice Pace u t-Telemalta corporation (ara Dokument A), il-konvenut huwa debitur versu s-socjeta attrici fis-somma komplessiva ta' elf seba mija u disa u tlettin lira Maltin u zewg centezmi (Lm1739.02) dovuti in konnessjoni mas-servizz tat-telefon numru 250021.

Illi dan l-ammont jikkonsisti fi spejjez in konnessjoni mal-kera ghas-servizz ta' telefon u sejhiet maghmula bit-telefon.

Illi minkejja li interpellat ihallas l-ammont dovut il-konvenut baqa' inadempjenti;

Illi d-debitu hawn imsemmi huwa cert likwidu u dovut u l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jghati ghat-talba attrici;

Talab jghid il-konvenut ghaliex dina l-Qorti mghandiex;

1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' Artikolu 167 et sequentia tal-Kodici tal-Proceduri Civili;
2. Tiddikjara lill-konvenut debitur versu s-socjeta' attrici fis-somma ta' elf seba' mija u disa ' u tlettin lira Maltin u zewg centezmi (Lm1739.03)
3. Tordna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' elf seba mija u disa u tletin liri Maltin u zewg centezmi (Lm 1739.02) rappresentanti kera, servizz u spejjez dovuti in konnessjoni mal-linja tat-telefon numru 250021 ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 23 ta' April 1999 u bl-imghaxijiet legali mill-4 ta' Novembru 1998, data tal-ahhar kont, sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentat tal-istess socjeta' u l-lista tax-xhieda;

Rat li l-konvenut debitament notifikat baqa' kontumaci;

Rat in-nota prezentata mis-socjeta' attrici fis-7 ta' Ottubru 2003 li permezz taghha l-ammont pretiz gie ridott ghas-somma ta' Lm883.63;

Billi jidher li t-talbiet attrici huma gustifikati, u dan limitatament ghas-somma fuq indikata stante pagament fil-mori;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti limitatament ghas-somma ta' ***tmien mija tlieta u tmenin lira maltin u tlieta u sittin centezmu [Lm883.63],*** u tikkundanna lill-

konvenut ihallas dan l-ammont, bl-imghax legali mid-data tac-citazzjoni;  bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------